# DRAWWIET TAL-FUNERALI

mill-Kav.Rafel Bonnici Cali'

Wara li ktibt dwar "Drawwiet li Spiccaw jew Intilfu" fl-Imnara tal-1982, nixtieq li issa nkompli bil-funerali ta' dari, li kienu jsiru mill-imsehbin ta' l-ghaqdiet jew hbieb tal-mejjet.

L-ewwelnett nixtieq nghid, li l-funerali dejjem kienu xiedda ta' kemm setghu jonfqu l-familja jew hbieb tal-mejjet. Ghalhekk nibdew mill-ghonja. Inhallu barra il-hlas zghir dovut lill-kleru li jwassal il-mejjet ghad-difna, u dak kollu li jsir skond il-liturgija komuni li hi ghal kulhadd xorta, ghani jew fqir. Id-differenza kienet fix-xoghol li jiehu is-sagristan, jew ahjar is-servjent meta l-familja tal-mejjet tordnalu jghatti t-tebut tal-mejjet bil-kutra tal-bellus, jixghel ix-xemgha tal-altari kollha, u ta' l-erbatax inkwatru tal-Via Sagra, u t-tizjin bl-armi tal-familja mal-erbgha xemghat ta' madwar il-mejjet, ghax b'xejn ma jsir xejn, u dan is-servjent irid jithallas ta' xogholu bhal kull haddiem iehor.

Dwar l-armi ta' mal-xemgha, dawn kienu jsiru fuq kartun kwadru dwar xibrejn gholja u xiber u nofs wis a'; tnejn minnhom kien ikollhom pingutin fuqhom ras u zewg ghadmiet tal-mewt, imsallbin u marbuta b'coff vjola, waqt li t-tnejn l-ohra kienu jkunu pingutin bl-araldika tal-mejjet, li aktarx kienu jkunu lesti minn zmien qabel, minn pittur imqabbad minn xi hadd tal-familja. Din l-arma kienet ukoll aktarx tkun l-istes bhal dik li kienet tkun minquxa fuq il-qabar tal-familja.

Il-faldrappa, jigifieri il-kutra sewda li tghatti t-tebut, kienet isservi, biex erbgha hbieb tal-qalb tal-mejjet, kienu jzommu t-truf taghha b'sinjal ta' qima, flok li jgorru lill-mejjet huma stess, ghax il-mejjet kien ikun merfugh mill-bekkamorti, bi hlas.

L-ghonja kellhom spiza aktar kbira, ghax il-hbieb tal-mejjet, meta jigu ghall-funeral, kellhom id-dritt ta' qasba harir iswed biex jghamlu ic-coff fuq dirghajhom ix-xellugija u coff iehor mal-kappell; dan il-harir kien jissejjah mustaxija.

In-nisa ftit li xejn kienu jiehdu sehem fil-funerali, izda dawk li jigu, qraba u hbieb mistiedna, kellhom id-dritt ta' libsa tal-harir iswed, ghonnella shiha. Dan kien ghadu jsir sa mitt sena ilu, skond it-tradizzjoni, li kien jaf minn niesu in-nobbli Monsinjur Giuseppi Apap Bologna , li kien taghni dan it-taghrif interessanti meta sar jaf kemm kont ninteressa ruhi fl-istorja u l-folklor Malti.

Hag'ohra li kienu jaghmlu kemm l-ghonja kif ukoll il-foqra, kienet li n-nisa kienu jlestu l-libsa tal-kefen komplita b'kollox, sal-kalzetti u l-velu ta' fuq rashom, u jerfghu kollox mitwi go kexxun. Ommi kienet ukoll lestiet dawn il-hwejjeg. M'ghandniex xi nghidu li ghat-tfal taht l-ghaxar snin, u xebbiet, il-bekka-morti kienu juzaw ic-coff abjad, izda l-faldrappa ta' fuq it-tebut kienet tkun bagda ghat-tfal, u hamra ghax-xebbiet. Dan l-uzu wassal biex dawk ta' qalbhom hazina, jghiru lix-xebbiet li "ghad igorruhom fil-faldrappa hamra" jigifieri li ma jsibux jizzewgu.

Fil-funerali ta' l-ghonja, kien ikun hemm, minbarra l-erba' bokkamorti, ragel liebes bhalhom, izomm bacil bi skutella tal-metall, f'nofsha bil-faham u ncens jaqbad, biex ifewwah il-knisja, kif ukoll it-triq li minnha jghaddi il-mejjet. Dan ir-ragel kien jimxi wara' ras it-tebut.

Uzanza ohra tal-kbarat kienet li it-tebut kien jitqieghed fil-knisja fuq zewg strippi u targa wahda ta' l-injam jekk ikun qassis jew p rofessjonista, izda jekk kien ikun kappillan jew nobbli, kien ikollu zewg targiet taht l-istrippi. Tlitt targiet kienu jsiru biss ghall-isqof jew kap ta' l-istat, izda ghall-Gran Mastru, kif ukoll ghall-isqof jew kap ta' l-istat, kien jintrama wkoll il-Kappella Ardente, speci ta' tron b'mitt xemgha.

Fdalijiet ta' din il-Kappella Ardente ghadhom jidhru fil-muzew tal-Kon kattidral ta' San Gwann il-Belt.

Meta kien isir funeral wara' li l-mejjet kien ikun ga midfun, bhal meta jsir eghluq ix-xhar jew zmien iehor, kien isir l-armar tat-tubru f'nofs il-knisja li kien ikun speci ta' tebut vojt, fuq l-istrippo, mghotti bil-faldrappa, u mdawwar bix-xemgha, bhallikieku kien hemm il-mejjet tassew. Dawn l-uzanzi nqatghu wara l-Koncilju Vatikan II, u flokhom dahal l-uzu tax-xemgha tal-Ghid il-Kbir, il-blandun, li jitpogga hdejn ras il-mejjet, li jittama l-qawma tal-mejtin kif kien irxoxta Kristu. Il-Blandun ifisser Kristu Rxuxtat. Dahlet ukoll id-drawwa li il-qassis jaghmel omelija qasira dwar il-mewt u l-hajja li jistenna l-bniedem fl-eternita'.

Nigu issa ghall-funerali ta' l-imsehbin fl-ghaqdiet tal-kazini, Baned, reg imenti, ecc.

Dwar l-imsehbin fil-fratellanzi religjuzi ga konna tkell-imna fl-Imnara tal-1982; meta l-fratell kien imut, u jkollu l-akkumpanjament tal-fratelli bl-istandard, kif ga semmejna, u fl-istess waqt kien ikun imsieheb fil-banda bhala bandist, kien ukoll ikollu il-banda ddoqq marci funebri mid-dar sal-knisja jew sad-difna, u warajh ikollu wkoll l-istandard tal-banda miksi bil-filoxx iswed merfuh minn bandist bl-uniformi tal-banda; xi drabi wkoll kienu jissiehbu fil-funeral, rapprezentanti minn xi baned ohra hbieb tal-banda li tkun iddoqq. B'hekk, dan is-semplici bandist kien ikollu funeral daqs ta' general, jew aktar, bl-akkumpanjament ta' bosta nies u standardi. Dawn il-funerali gwappi kienu ghadhom isiru f'Hal Tarxien. Zejtun, Zabbar, ir-Rahal Gdid u l-Kottonera u mkejjen ohra, sa qabel it-tieni gwerra dinjija, u jien li qed nikteb kont kemm il-darba nakkumpanja fil-funerali ta' bandisti bhala rapprezentant tal-banda Annunzjata, billi sa minn zoghziti kont membru tal-Kumitat. Il-mewt ta' bandist, kif ukoll ta' imsehbin ohra tal-kazin kienet tigi mhabbra billi tittella' l-bandiera mezz'asta fuq l-arblu tal-kazin , differenti minn meta kien itejjeg u jtellghulu kuruna tal-w ard.

Nigu issa ghall-funerali tal-pulizija, suldati, bahrin, u servizzi ohrajn. Il-korp tal-pulizija kellu banda tieghu, kif ukoll kellhom ir-regimenti tas-suldati Maltin u Nglizi. Ghalhekk, minbarra l-akkumpanjament tal-kleru li jgorr il-mejjet ta' dawn is-servizzi, kien ikun hemm ukoll il-banda u kontingent zghin mill-membri ta' l-istess servizz. Id-differenza bejn il-funeral tal-Pulizija u dak tas-Servizzi kienet tkun zghira; Il-katavru tal-pulizija kien jingarr fuq l-ispallejn minn shabu, waqt li ssuldat kien jingarr fuq kanun u t-tebut mghotti bil-bandiera tal-Union Jack; jekk bahri, kien jitghatta bil-White Ensign. Mill-bqija, ic-ceremonja kienet tispicca bid-daqq tal-'bugle' u jispiccaw bl-azzarini waqt id-difna. Fl-ahhar nett il-banda tibda ddoqq marci ferrieha qisu qatt ma gara xejn... kollox jghaddi u jispicca, il-haj mal-haj, u l-mejjet mal-mejjet...kif nghidu ahna l-Maltin. Ta' min izid, li dawk il-mejtin li kien ikollhom xi midalja u xi unuri ohra, aktarx li dawn kienu jitqeghdu fuq it-tebut taghhom, izda tul it-triq kien igorrhom xi habib fuq imhadda sewda. Il-pulizija, bhalma wkoll fil-kaz tal-bandist, il-berritta kienet titqieghed fuq it-tebut.

Jien rajt bosta funerali kbar, f'ghomri, isqfijiet, prim ministri, kbarat Inglizi u Maltin, izda l-aktar li baqa mressjonat f'mohhi huwa dak tal-gvernatur Congrece, li wara' t-tebut tac-comb li kellu, mexa z-ziemel tieghu bil-mod il-mod, donnu kien jaf li sidu miet, ghax mexa rasu baxxa mill-palazz sal-Bombi; fl-istess habta kien miet ukoll Ingliz iehor li gie midfun fic-cimiterju ta' Braxia, li l-kelb tieghu, wara' xi granet, harab minn fejn kien mizmum, u mar huwa wkoll sac-cimiterju; billi sab il-bieb maghluq baqa' hemm mitfugh ma' l-art jinghi, u ma riedx iwarrab, sakem intebah li sidu ma jistghax jinsab aktar.